# Q O R T I   C I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  162 / 17RGM

Kawza fil-lista:  13

**A B f'isimha proprio u**
**bhala kuratrici tal-minuri C B**
**vs**
**D E; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-attrici welldet tifel, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3846/2003;

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri, jirrizulta illi meta l-attrici rregistrat lil binha, hija rregistratu fuq missier li sa dakinhar ma kienx maghruf;

3. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri C B huwa l-intimat D E;

4. Illi l-attrici interpellat lil intimat sabiex huwa jkun indikat bhala missier il-minuri C B pero` huwa rrispinga din it-talba permezz tar-risposta;

5. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' ta’ binha, permezz ta’ fatti, bhal testijiet genetici jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant l-attrici ghar-ragunijiet kollha premessi qieghdha titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tiddikjara illi l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B;

2. Tordna lid-Direttur tar-Regristru Pubbliku taghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tal-twelid tal-minuri C B (Att numru 3846/2003) billi fil-kolonna intestata isem u kunjom missier it-tarbija, jigi D E; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u tar-residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu indikati kkonsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita’ jigi jaqra 307385(M); taht il-kolonna eta' jigi jaqra 32; taht il-kolonna 'twieled’ jigi jaqra Pieta', Malta; taht il-kolonna'joqghod' jigi jaqra Zabbar, Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra (haj);

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hurna ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex cert li l-minuri C B huwa wild tieghu u ghalhekk qabel ma jsiru l-verifiki necessarji qieghed jichad li huwa tieghu.

2. Illi ta’ min isemmi illi din il-kawza saret illum erbatax-il sena wara li twieled dan il-minuri u jekk huwa wild il-konvenut l-attrici cahdet lill-esponenti mit-tgawdija tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi stante s-suespost, l-esponenti tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-

Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri C B;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti, l-esponenti hadet nota tad-dettalji tal-konvenut D E, li jinsabu fir-rikors promotur tal-attrici stess sabiex il-konnotatti tal-istess konvenut jigu inseriti fl-Att tat-T'welid tal-minuri C B, liema Att jgib in-numru 3846 tal-2003;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri C B u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liigijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdha tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-rapport tal-espert gudizzjarju Dottor Marisa Cassar ipprezentat u mahluf fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fit-30 ta' Jannar 2018;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 fejn il-partijiet A B u l-konvenut D E fuq domanda tal-Qorti ddikjaraw li fl-eventwalita' li t-talbiet attrici jigu milqugha jixtiequ li l-minuri jiehu il-kunjom 'E B';

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**.

**L-attrici A B**, fl-affidavit taghha mahluf fit-30 ta' Jannar 2018,[1] iddikjarat li bejn is-sena 1998 u 2003 kellha relazzjoni mal-konvenut D E u kienu qed jippjanaw li jibnu familja flimkien billi t-tnejn xtaqu li jkollhom it-tfal.

---

[1] Fol 35.

Il-konvenut  kien kuntent meta harget tqila, pero' meta kellha seba' xhur tqala tbiddel drastikament. Hu beda jittraskura r-relazzjoni taghhom u meta twieled it-tifel ma riedx jaf bih, kien qal li ma riedx responsabilita'.

L-attrici kienet iccempillu biex jmur jara lit-tifel, izda hu ma wera l-ebda interess, f'erbatx-il sena l-anqas rah aktar min sitt darbiet.

L-attrici ddikjarat li l-familja tal-konvenut  pero' zammew kuntatt maghha; sa ftit qabel ma fethet il-kawza l-genituri tal-konvenut kienu jcemplulha biex johorgu lill-minuri C u anke kienu jaghtuh xi 'pocket money'.

Hu l-konvenut , Reden E ukoll kellu kuntatt mal-attrici u binha minn mindu t-tifel kellu 11-il sena sakemm kellu 13-il sena u kien jixtrilu hafna rigali.  Il-familjari tal-konvenut  attendew ukoll ghall-grizma tal-minuri.  L-attrici tghid li kellha diffikolta' biex tikkommunika mal-konvenut  u rnexxielha tikkommunika mieghu permezz ta' 'messanger' fejn hu ma kienx jichad lit-tifel. Hi pprezentat estratti minn dawn il-messaggi. Tghid li hassitha abbandonata mill-persuna li kien ir-ragel ta' hajjitha u missier binha.  Hi soffriet hafna f'din is-sitwazzjoni tant li spiccat tbati minn 'depression' u kellha tiehu l-kura.  Kienet iddispjacuta li binha trabba minghajr missier u kienet dejjem tispera li biz-zmien l-konvenut D E kien jerfa' r-responsabilita' ta' missier, haga li sa issa ghadu ma ghamilx.

L-attrici tghid li kienet sorpriza bl-atteggjament tal-konvenut  li qal li il-minuri C mhux ibnu u kellhom jaghmlu id-DNA Test ghax il-konvenut D E jaf li hu missier C u t-tifel jaf li D E hu missieru.  Billi ghadda hafna zmien u l-konvenut baqa' ma refax ir-responsabbilta' ta' missier, l-attrici ddikjarat li ma kellha l-ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi bil-kawza.

**Dottor Marisa Cassar**, nominata mill-Qorti biex tikkonduci t-test tad-DNA, pprezentat u kkonfermat r-rapport peritali taghha fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018. Mar-rapport gie anness l-affidavit ta' Dottor Claire Bartolo li elevat il-kampjuni orali. Id-DNA Paternity Test Report,[2] jikkonferma li l-konvenut D E hu l-missier biologiku tal-minuri C B.

Il-konvenut D E ma xehedx u ma pproduca l-ebda prova.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

[2] Fol 28.

L-attrici qed titlob li l-konvenut D E, jigi dikjarat li hu l-missier naturali ta' binha C li twieled fil-21 ta' Ottubru 2003 u li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Il-konvenut D E fir-risposta tieghu ddikjara li mhux cert li l-minuri C hu wild tieghu u sakemm ma jsirux il-verifiki necessarji qed jichad li hu tieghu. Mir-rapport ipprezentat minn Dottor Marisa Cassar irrizulta minghajr ebda dubju li l-konvenut D E hu l-missier biologiku tal-minuri C.

In tema legali ssir referenza ghall-**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

"It-tifel mnissel u mwieled barra z-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien, kif ukoll separatament".

**L-Artikolu 86A(1) tal-Kapitlu 16**:

"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi".

Dwar il-prova genetika, skont l-**Artikolu 100A tal-Kapitlu 16:**

"……..Il-Qorti tista', minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg li l-partijiet biex jissottomettu ghall-ezamijiet kif imsemmija fl-Artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi".

Fil-kaz in ezami l-attrici qed tipprocedi fit-termini tal-Artikolu 86A(1) riprodot 'supra'. Il-minuri C tnissel u twieled barra z-zwieg billi l-attrici u l-konvenut D E ma kienux mizzewgin u billi l-missier mhux qed jaghraf lill-minuri, l-omm ipprocediet biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel.

Stabbilita l-paternita' tieghu mill-imsemija testijiet xjentifici, wiehed kien jistenna li l-konvenut jirtira l-kontestazzjoni tieghu. Dan hu rifless fil-verbal registrat fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2018 meta il-kawza giet differita biex il-konvenut E jiddikjara 'jekk ghandux provi xi jressaq f'kaz li mhux ser jirtira l-kontestazzjoni tieghu'.

Fl-udjenza sussegwenti l-konvenut E baqa' ma deherx. Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidra illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-kawza bhala l-parti sokkombenti.

Irrizulta mill-provi li l-attrici u l-konvenut D E kellhom relazzjoni ghal numru ta' snin u l-minuri C tnissel min dik ir-relazzjoni. L-attrici ddikjarat li mal-konvenut E hi kienet qed tippjana li tibni familja, tghid li anke hu xtaq li jkollhom it-tfal u fil-bidu kien kuntent hafna li harget tqila izda ftit xhur qabel weldet it-tarbija biddel kompletament l-atteggjament tieghu bl-iskuza li ma riedx jidhol ghar-responsabilita'.

Irrizulta li l-familjari tal-konvenut E izjed zammew kuntatt maghha u ma binha milli l-istess konvenut. It-talba tal-attrici, li l-konvenut D E ghandu jigi dikjarat li hu il-missier naturali tal-minuri C tirrizulta ppruvata u timmerita li tigi milqugha.

Dwar l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, partikolarment dwar l-kunjom li ghandu jassumi l-minuri C B, skont l-artikolu 92(6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza ghall-verbal registrat fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2018 fejn l-attrici u l-konvenut D E, fuq domanda tal-Qorti, ddikjaraw li jekk it-talbiet tal-attrici jigu milqugha huma xtaqu li l-minuri jiehu l-kunjom 'E B'.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li l-konvenut D E hu l-missier naturali tal-minuri C B;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-minuri C B, Att numru 3846/2003 kif indikat fl-istess talba attrici ;

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom 'E B'.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut D E.

**Imhallef** **Deputat Registratur**